204

**Tribunal ta' Revizjoni**
**tal-Ambjent u l-Ippjanar**
**Floriana**

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
28 JUN 2021
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

*Nru. ta' l-Applikazzjoni:* *PA/3392/20*
*Lokazzjoni:* Site at Triq Has-Sajjied, Zabbar
*Proposta:* *Proposed change of use from existing store to storage of gas bottles and selling of the same and widening of entrance gate as well as fixing of timber gate*
*Ref. Taghna:*
*Ref. Tribunal:*

**Simon Buhagiar**

**vs**

**L-Awtorita' ta' l-Ippjanar.**

L-Appellant Simon Buhagiar jesponi bir-rispett:-

I) Illi fis-sena 2020, giet sottomessa din l-applikazzjoni.

II) Illi permezz ta' decizjoni mehuda mill-Kummissjoni dwar l-Ippjanar (PC) u ppublikata fit- 2 ta' Gunju 2021, l-istess

Kummissjoni laqghat ir-rakkomandazzjoni imressqa lilha mid-Direttorat ta' l-Ippjanar u cahdet l-applikazzjoni.

Bid-dovut rispett, l-appellant ihossu aggravat minn din id-decizjoni, u ghaldaqstant qed jissottometti dan l-appell quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (it-Tribunal).

Flimkien ma' din is-sottomissjoni qed jigu annetti:-

- Kopja tad-decizjoni ta' l-Awtorita li qed tigi appellata (Dok JA1).
- L-Ircevuta tal-hlas tad-dritt ta' l-appell (Dok JA2).

L-appellant jissottometti ghal kunsiderazzjoni tat-Tribunal dan li gej;

1.1 Illi huwa inkoncepibbli illi zvilupp tan-natura in kwistjoni jigi rifjutata ghaliex huwa propost li jsir barra miz-zona ta' l-izvilupp, stante illi minn natura tieghu, tali zvilupp, in relazzjoni ma l-uzu propost, certament illi huwa gustifikat illi jkun f' tali zona.

1.2 Illi minnghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tielet raguni tar-rifjut u r-ragunijiet l-ohra tar-rifjut huma kontradittorji u ghaldaqstant huma insostenibbli.

1.3 Illi l-Awtorita ma tghatx id-debita attenzjoni u importanza ghal dak sottomess mir-regolatur fis-settur, u cioe ir-REWS.

1.4 Illi l-izvilupp propost huwa marbut mall-provvista ta' servizz essenzjali, u s-sit de quo intghazel anke peress illi jista jservi bhala depot li jaqdi zona kbira. Illi s-sit m' huwiex sit ta' valur agrikolu tant illi mill-evidenza li hemm a dispossizzjoni ta' l-Awtorita, huwa car illi f' dan is-sit kien jintefa materjal tat-thammil u kostruzzjoni.

1.5 Illi ma tezisti l-ebda tnehhija ta' hamrija u l-izvilupp propost qieghed jkun propost li jinkludi dawk l-istrutturi li facilment jistghu jigu imnehhija jekk u meta jinstab sit alternattiv jew ahjar minn dak propost.

1.6 Illi tenut kont ta' dak sottomess u ta' dak li l-appellant jirriserva li jissottometti fil-mori ta' dan l-appell, l-izvilupp propost, apparti li huwa konformi mal- ISPED, wiehed ma jistax jifhem l-applikazzjoni tal- RPDG 2014 u dan stante ser iservi skop importanti u mehtieg.

1.7 Illi f' dan ir-rigward l-appellant jirriserva illi jressaq provi dwar siti u zvilupp simili u kif anke dan l-istess Tribunal iddecieda illi tali zvilupp m' huwiex idoneu f' zoni urbani.

Ghaldaqstant, l-appellant qed jitlob li l-*files* li ssir referenza ghalihom fil-process ta' l-applikazzjoni odjern jigu vverifikati mit-Tribunal u dan billi l-Awtorita' ghandha tigi mitluba sabiex tipprezenta l-*files* msemmija minnu lit-Tribunal, u in segwitu ta' dan l-istess Tribunal ghandu jhassar id-decizjoni ta' rifjut mehuda mill-PC fil-kaz odjern, u tenut kont ta' dak sottomess u li ghad jrid jigi sottomess, jiddeciedi l-applikazzjoni billi, jilqa it-talba ta' l-appellant u jordna li jinhareg il-

permess relattiv, u dana taht, u minnghajr pregudizzju ghal kull decizjoni jew provvediment iehor li joghgbu jiehu dan it-Tribunal.

Bir-Rispett,

Av. Ian J. Stafrace

Elenku tax-xhieda:

1. Rappresentant tar-REWS u ta' entitajiet ohra, kif ukoll tal-Multigas.

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House**
**Old Bakery Street**
**Valletta**